MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 214/2007

**Cutajar Limited**

**vs**

**John Baptist Zammit**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet minghand il-konvenut ammont bilancjali ghall-merkanzija konsistenti f'Hi-Fi *equipment* lilu mibjugh u kkonsenjat.

Bl-ispejjes u tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Novembru, 2006 u bl-imghax legali mis-17 ta' Novembru, 2006.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi l-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi m'huwiex minnu li l-

merkanzija in kwistjoni giet mixtrija minnu jew kkonsenjata lilu.

Illi, minghajr pregudizzju ghal ewwel eccezzjoni, illi m’hemm l-ebda ammont dovut bejn Cutajar Ltd. u John Baptist Zammit, billi ilu ma jinnegozja ma’ din is-socjeta’ ghal aktar minn hames (5) snin u li anke f’dan iz-zmien qatt ma kellu ebda arretrati maghhom u ghalhekk l-allegazzjonijiet attrici huma nfondati.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi kull ammont li seta’ kien dovut huwa illum preskritt, peress illi ghaddew iktar minn hames (5) snin minn meta l-ammont pretiz sar dovut u dan skond l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra x-xhieda ta’ Patrick Galea, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, u jikkonferma li l-ammont li kien pretiz kien ta’ mija u disgha u tmenin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm189.39), illum ekwivalenti ghal erba’ mija u wiehed u erbghin Euro u sittax-il centezmu (€441.16).

Ighid li kienu diga’ tkellmu mal-konvenut sabiex jaghmel il-pagament, ghaliex kien hemm xi cekkijiet li kien hallas bihom li ma ssarfux. Wara din l-ittra sar pagament ta’ mitejn lira Maltin (Lm200), u cioe’ erba’ mija u sitta u hamsin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87).

L-istess xhud jghid li hu qatt ma tkellem personalment mal-konvenut ghaliex kien jiehu hsieb is-*salesman* Adrian Cutajar, izda ma kienx jaf jekk kienx ikkontesta li qatt ma kien ircieva merkanzija.  Il-pagamenti saru fil-fatt wara li ma kienux issarfu c-cekkijiet u kienu baghtu ittra legali.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jinsisti li ma kellux kontijiet pendenti mas-socjeta’ attrici u l-ahhar kont kien imur lura ghal madwar tmien (8) snin. Huwa jikkonferma li kien qed jaghraf il-firma tieghu ghal dak li jirrigwarda l-*invoice* mmarkat bhala Dokument PG 2 u PG 3 a fol 14 u 15 tal-process, filwaqt li ma setax jaghraf il-firma tieghu f’Dokument PG 1 a fol 13 tal-process.

Jispjega li hu kien jittratta mas-*salesman* Adrian Cutajar u s-sistema kienet li meta kien igiblu l-merkanzija kien ihallas l-ordni li tkun saret qabel. Kien hemm kwistjoni meta kien hallas b'cekk u kien biddel l-kont u konsegwentement ma kienux issarrfu dawn ic-cekkijiet. Jispjega li pero' hu hallas dan l-ammont, izda ma setax jiftakar jekk kienx hallas b'cekk jew b'*cash*.

Sa' tmien (8) snin ilu jikkonferma li ma kellu ebda kont pendenti.

Jikkonferma li dan Cutajar kien johrog ircevuta dakinhar stess li jsir il-pagament.

Ighid li sal-mument li sar jaf li kien hemm kawza, qatt ma kien ircieva xi ittra fejn gie mitlub jaghmel pagament. Muri l-ittra ufficjali jikkonferma li kien hemm il-firma tieghu fuq ir-riferta minkejja li ma amettiex li kien ircieva l-ittra ufficjali, izda mbaghad ighid li kien ghadda l-ittra ufficjali lill-Avukat pero' ma kienx jiftakar x'sar wara.

Ighid li kien hemm okkazzjoni meta kien gie xi Marixall mill-Qorti b'xi karti, izda ma kienx accettahom ghaliex in-numru ta' identita' ma kienitx taqbel ma' tieghu. Kien wara li tah l-informazzjoni relativa li kien gie notifikat bil-kawza.

Il-konvenut jikkonferma li ma kellu ebda kont pendenti mas-socjeta' attrici. Dwar l-ircevuta (vide Dok PG5) jikkonferma li kien hallas dak l-ammont, pero' ma setax jikkonferma jekk kienx rcieva ircevuta ghaliex kien izomm ircevuti ghal sentejn biss.

Jerga' jinsisti li ma kellu jaghti xejn lis-socjeta' attrici u dan ghaliex kull darba li kien jigi s-*salesman* kien jaghmel l-ordni mieghu u kien ihallsu tal-ordni ta' qabel. Fl-2000 kienu saru l-ahhar pagamenti u qatt ma kienu regghu talbuh pagament u *caso mai* jispjega li kieku s-*salesman* kien imur ghandu ghall-pagament, izda qatt ma rega' mar u issa kienu ghaddew madwar seba' (7) snin.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

**Legittimu kuntradditur**

Il-konvenut qajjem din l-eccezzjoni preliminari u l-unika indikazzjoni li jaghti waqt il-provi u li hu ma setax jaghraf il-firma tieghu fl-*invoice* mmarkat bhala Dokument PG 1, filwaqt li gharaf il-firma tieghu fl-*invoices* Dokumet PG 2 U PG 3. Wara, it-Tribunal ezamina bir-reqqa dawn id-dokumenti, josserva li hemm wisq somiljanza mal-firem l-ohra sabiex dan it-Tribunal  jigi soddisfatt li hemm raguni ghala l-konvenut ma setghax jaghraf dik il-firma bhala tieghu. Ma hemm xejn x'jindika li dik kienet xi *invoice* mmirata ghal terz.

Ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss li fuq din l-eccezzjoni m'hemmx bazi sabiex tigi milqugha minn dan it-Tribunal. Is-somiljanza, ghalkemm mhux preciza bhal firem l-ohra, qedgha hemm u *in mankanza* ta' provi ohra twassal ghal probabilita' li dik hija ukoll il-firma tieghu u li ghalhekk hemm *nexus* guridiku bejn l-konvenut u s-socjeta' attrici li allegatament akkwista xi merkanzija minghandha u ma hallasx ghalihom.

**Preskrizzjoni Kwinkwennali**

Il-konvenut qed jecepixxi li l-azzjoni hija wahda preskritta ai termini tal-Artikolu 2158 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din id-disposizzjoni tal-Ligi tikkontempla illi :-

***« Il-preskrizzjonjiet imsemmijin fl-Artikolu 2147 sa' 2157 jistghu ukoll jigu eccepiti kontra dak li jkun hallas ghad-debitur, minbarra minn meta l-hlas ikun sar fuq talba tad-debitur innifsu, jew bi ftehim mad-debitur innifsu, jew meta dak li hallas kien, bhala***

***garanti, jew bhala debitur in solidum, jew ghal skopijiet ohra, jew ghal ragunijiet ohra, obbligat ihallas. »***

Illi t-Tribunal ezamina d-dokumenti esebiti, in partikolari l-ittra ufficjali li tirrisali ghas-17 ta' Novembru, 2006, filwaqt li giet esebita l-ircevuta wkoll tal-ahhar pagament li sar *on account* u dan skond kif stqarr ix-xhud Patrick Gatt, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici.

Din l-ircevuta ggib id-data tat-3 ta' Dicembru, 2001 u cioe' b'kalkolazzjoni mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali, li l-hames (5) snin ma skadewx u ghalhekk l-azzjoni mhix wahda preskritta. L-eccezzjoni relativa, ghalhekk qed tigi respinta.

**<u>Mertu</u>**

Illi jibqa' ghalhekk sabiex jigi kkunsidrat il-mertu, u cioe' l-eccezzjoni da parti tal-konvenut, li ilu ma  jinnegozja mas-socjeta' attrici ghal dawn l-ahhar hames (5) snin u ma kienx hemm xi bilanci pendenti.

Tul din il-kawza, it-Tribunal josserva li s-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jhallas bilanc ta' mija u disgha u tmenin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm189.39), illum ekwivalenti ghal erba' mija u wiehed u erbghin Euro u sittax-il centezmu (€441.16), hlas ta' *Hi-Fi* li allegatament bieghet lill-konvenut.

Il-konvenut jikkonferma li kien jinnegozja mas-socjeta' attrici u kien jixtri merkanzija relatata ma' *Hi-Fi*, pero' l-ahhar li ghamel dan it-tip ta' negozju kien madwar hames (5) snin ilu. Jispjega ukoll li kull darba li kien jaghmel ordni, kien ikellem lis-*salesman* Anthony Cutajar u kien ihallas l-ordni ta' qabel.

Wara li kien ghamel l-ahhar pagament ma kienx hemm talba ghall-pagament iehor da parti tas-socjeta' attrici, hlief meta nftehet il-kawza.

Huwa minnu li l-konvenut huwa inkonsistenti dwar in-notifika tal-ittra ufficjali, fejn jiftakar li rceviha u fejn ma jiftakarx, pero' jibqa' konsistenti li hu kien hallas kull ma kellu jhallas lis-socjeta' attrici.

Is-socjeta' attrici da parti taghha qed titlob l-ammont ta' mija u disgha u tmenin lira Maltin u disgha u tletin centezmu (Lm189.39), u cioe' ekwivalenti ghal erba' mija u wiehed u erbghin Euro u sittax-il centezmu (Euros 441.16), u kull ma pprezentat huma tlett (3) *invoices* fl-ammont ta' mija u tnejn u erbghin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm142,48), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u wiehed u tletin Euro u disgha u tmenin centezmu (Euros 331.89), (Dok.PG 1), l-ammont ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltin u centezmu (Lm141.01), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u tmienja u ghoxrin Euro u sitta u erbghin centezmu (328.46), (Dok. PG 2), u l-ammont ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin u centezmu (Lm195.01), u cioe' ekwivalenti ghal erba' mija u erbgha u hamsin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€454.25), (Dok. PG 3).

Ix-xhud Patrick Galea, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici jikkonferma ukoll, li minhabba dawn il-kontijiet li kien hemm pendenti kien avzaw lill-konvenut ghaliex kien hallas xi ammonti b'cekkijiet li ma kienux issarfu. Imbaghad kien hemm ukoll l-ahhar pagament jinsistu *on account,* Dok. PG4

It-Tribunal jirrileva li l-ammonti pprodotti bhala prova tas-socjeta' attrici u l-kalkolazzjonijiet ma jwasslux ghall-ammont pretiz minnha. Inoltre, lanqas Dokument PG 4 ma jikkonferma li kien hemm xi pagament *on account.*

Fl-opinjoni tat-Tribunal, is-socjeta' attrici lanqas ma tat indikazzjoni jew *statement* li jindika l-ahhar bilanc u x'kienet tirrapprezenta din is-somma.

Ghaldaqstant, kien il-kompitu tas-socjeta' attrici li jikkonvinci lil dan it-Tribunal li dan l-ammont kien dovut da parti tal-konvenut, u jekk hemm l-icken dubju jew provi

mhux konvincenti, dan in-nuqqas ta' probabilita' li d-debitu huwa dovut ghandhu jigi interpretat a favur tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jichad l-imsemmija zewg eccezzjonijiet tal-konvenut a spejjes tieghu, u cioe dik tar-relazzjoni guridika u dik tal-preskrizzjoni, filwaqt li jilqa' l-eccezzjoni tieghu fil-meritu u konsegwentement jichad it-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjes kontra is-socjeta' atrrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------